Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' April 2022**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0115(COD)**

**8205/22**
**ADD 1**

**PI 40**
**COMPET 243**
**MI 289**
**IND 122**
**IA 44**
**CODEC 499**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' April 2022 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 174 final |
| Suġġett: | ANNESSI tal-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 174 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 174 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.4.2022
COM(2022) 174 final

ANNEXES 1 to 3

# ANNESSI

**tal-Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754**

{SEC(2022) 193 final} - {SWD(2022) 114 final} - {SWD(2022) 115 final} - {SWD(2022) 116 final}

## ANNESS 1

## Awtodikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 49

1. **L-isem u l-indirizz tal-operatur ekonomiku: …**

   [Nota: daħħal l-isem u l-indirizz tal-kumpanija jew tal-produttur individwali kif ukoll l-isem u l-indirizz tal-firmatarju tal-awtodikjarazzjoni, jekk jiddevja mill-operatur ekonomiku: rappreżentant awtorizzat tal-kumpanija jew tal-produttur]

2. **Isem il-prodott u t-tip ta' oġġetti: …**

   [Nota: daħħal l-isem sħiħ bil-ħatriet kollha li taħthom il-prodott immarkat bl-indikazzjoni ġeografika jiġi kkummerċjalizzat jew huwa previst li jiġi kkummerċjalizzat u t-tip ta' oġġetti li għalihom jappartjeni l-prodott]

3. **Status tal-prodott: …**

   [Nota: daħħal jekk il-prodott ikkonċernat huwiex diġà fis-suq jew le]

4. **Siti ta' Produzzjoni: …**

   [Nota: daħħal is-siti tal-produzzjoni, l-indirizz, il-kuntatt u l-attivitajiet kollha (pass tal-produzzjoni skont l-ispeċifikazzjoni tal-prodott) li jsiru hemm]

5. **Grupp ta' produtturi: …**

   [Nota: daħħal l-isem u l-indirizz tal-grupp ta' produtturi li l-produttur huwa membru tiegħu]

6. **Isem, numru tal-fajl u d-data tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika użata: …**

   [Nota: Ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat billi ssir referenza għas-silta elettronika korrispondenti mir-reġistru, li għandha tinhemeż mal-awtodikjarazzjoni.]

7. **Punti ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u r-referenza tal-pubblikazzjoni elettronika tagħha: …**

   [Nota: Il-kontenut li jiddaħħal għandu jsegwi l-indikazzjonijiet magħmula fid-dokument uniku: l-isem, deskrizzjoni tal-prodott, inkluż, fejn xieraq, regoli speċifiċi dwar l-ippakkjar u t-tikkettar, u definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika]

8. **Deskrizzjoni tal-miżuri meħuda mill-produttur biex jiżgura l-konformità tiegħu mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: …**

   [Nota: daħħal il-miżuri kollha (kontrolli u verifiki) flimkien ma' deskrizzjoni fil-qosor imwettqa kemm jekk mill-produttur stess, mill-assoċjazzjoni tal-produtturi jew mill-partijiet terzi assenjati minn meta tkun ġiet imressqa l-aħħar dikjarazzjoni]

| Punt ta' kontroll[1] | Valur fil-Mira[2] | Awtokontroll (AK)<br>Kontroll Intern (KI) | Frekwenza[4] | Responsabbli għall-kontroll | Deskrizzjoni tal-metodu | Dokument ta' referenza |
|---|---|---|---|---|---|---|

[1] Punt ta' kontroll: il-punt ta' verifika waqt il-proċess tal-produzzjoni fejn tiġi applikata miżura ta' kontroll.

[2] Jekk ikun hemm, il-valur fil-mira li jrid jintlaħaq fil-punt ta' kontroll.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | (Testiji et) | jew Kontroll Estern (KE)[3] | | | | |
| | | | | | | |

**9. Informazzjoni addizzjonali: …**

[Nota: daħħal kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa rilevanti għall-valutazzjoni dwar jekk il-prodott huwiex konformi, eż. kampjuni tat-tikkettar jekk ikun hemm regola għat-tikkettar fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni]

**10. Dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:**

Il-prodott imsemmi hawn fuq, inklużi l-karatteristiċi u l-komponenti tiegħu, jikkonforma mar-regoli tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott korrispondenti. Twettqu l-kontrolli u l-verifiki kollha meħtieġa għad-determinazzjoni korretta tal-konformità.

[Il-firmatarju huwa konxju li f'każ ta' dikjarazzjonijiet foloz jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet.]

*Iffirmat għal u f'isem:*

(il-post u d-data):

(isem, kariga) (firma):

4 Frekwenza: L-intervall ta' żmien bejn kontroll u ieħor.

3 AK: Kontroll imwettaq mill-produttur stess; KI: Kontroll imwettaq mill-grupp ta' produtturi; KE: Kontroll imwettaq minn korp estern taċ-ċertifikazzjoni.

## ANNESS 2

## Dokument uniku msemmi fl-Artikolu 8

[Daħħal l-isem, kif indikat fil-punt 1 hawn taħt:] "…"
Nru tal-UE: [għall-użu tal-UE biss]

**1. Isem/Ismijiet [tal-IĠP] …**

[Daħħal l-isem propost għar-reġistrazzjoni jew, fil-każ ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott, l-isem irreġistrat]

**2. Stat Membru jew Pajjiż terz …**

**3. Deskrizzjoni tas-sengħa u tal-prodott industrijali**

*3.1. Tip ta' prodott ...*

*3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)...*

[Il-punti ewlenin imsemmija fl-Artikolu 8(1)(b). Sabiex jiġu identifikati d-definizzjonijiet tal-użu tal-prodott u l-istandards komunement użati għal dak il-prodott. Fid-deskrizzjoni tal-prodott, iffoka fuq l-ispeċifiċità tal-prodott, bl-użu ta' unitajiet tal-kejl u ta' termini komuni jew tekniċi ta' tqabbil, mingħajr ma tinkludi l-karatteristiċi tekniċi inerenti għall-prodotti kollha ta' dak it-tip u r-rekwiżiti legali obbligatorji relatati applikabbli għall-prodotti kollha ta' dak it-tip (Artikolu 8(2)].

*3.3. Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)...*

Indika x'inhuma r-rekwiżiti tal-kwalità jew ir-restrizzjonijiet fuq l-oriġini tal-materja prima. Agħti l-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni. Dawn ir-restrizzjonijiet iridu jkunu ġġustifikati fir-rigward tal-ħolqa msemmija fl-Artikolu 7(1)(f)].

*3.4. Il-passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika identifikata ...*

[Agħti l-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni jew deroga.]

*3.5. Regoli speċifiċi dwar l-ippakkjar tal-prodott, eċċ li għalih jirreferi l-isem reġistrat ...*

[Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt. Identifika l-ġustifikazzjonijiet speċifiċi għall-prodott għal kwalunkwe restrizzjoni.]

*3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li għalih jirreferi l-isem irreġistrat ...*

[Jekk ma jkunx hemm, ħalli vojt. Niżżel il-ġustifikazzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni.]

**4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika …**

[Fejn ikun xieraq, inkludi mappa taż-żona]

**5. Ir-rabta maż-żona ġeografika …**

Rabta kawżali bejn l-oriġini ġeografika u, fejn xieraq, kwalità partikolari, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħrajn tal-prodott.

[Iddikjara espliċitament fuq liema mill-fatturi msemmija (ir-reputazzjoni, kwalità partikolari, karatteristika oħra tal-prodott) hija bbażata r-rabta kawżali, u agħti informazzjoni biss fir-rigward tal-fatturi rilevanti, inklużi, fejn xieraq, l-elementi tad-deskrizzjoni tal-prodott jew tal-metodu ta' produzzjoni li jiġġustifikaw ir-rabta.]

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

## ANNESS 3

**Dikjarazzjoni motivata ta' oppożizzjoni msemmija fl-Artikolu 22**

1. **Isem il-prodott: …**

   [kif jidher fir-Reġistru elettroniku]

2. **Referenza uffiċjali: …**

   [kif jidher fir-Reġistru elettroniku]

   **Numru ta' referenza: …**

   **Data tal-pubblikazzjoni: …**

3. **Dettalji ta' kuntatt**

| | | |
|---|---|---|
| Persuna ta' kuntatt: | Titlu (Sur, Sa.…): … | Isem: … |

**Grupp/organizzazzjoni/individwu: …**

***Jew awtorità nazzjonali:***

**Dipartiment: …**

**Indirizz: …**

**Telefon + …**

**Indirizz elettroniku: …**

4. **Raġuni għall-oppożizzjoni:**

   – Nuqqas ta' konformità mad-definizzjoni ta' indikazzjoni ġeografika għal prodotti artiġġjanali u industrijali ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fl-Artikolu 5;

   – L-isem propost għar-reġistrazzjoni jkun ġeneriku kif stabbilit fl-Artikolu 37;

   – Ir-reġistrazzjoni tal-isem tmur kontra l-Artikolu 38 (isem kompletament jew parzjalment omonimu);

   – Ir-reġistrazzjoni tal-isem tkun kuntrarja għall-Artikolu 39 (trademark eżistenti);

   – Ir-reġistrazzjoni tkun tipperikola l-eżistenza tal-ismijiet, it-trademarks jew il-prodotti kif speċifikat fl-Artikolu 12(1)(b)

5. **Dettalji tal-oppożizzjoni**

   Ipprovdi raġunijiet debitament issostanzjati u ġustifikazzjoni għall-oppożizzjoni.

   Ipprovdi wkoll dikjarazzjoni li tispjega l-interess leġittimu tal-oppożizzjoni, sakemm l-oppożizzjoni ma titressaqx mill-awtoritajiet nazzjonali, f'liema każ ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' interess leġittimu. Id-dikjarazzjoni tal-oppożizzjoni jenħtieġ li tkun iffirmata u ddatata.